# QORTI TA' L-APPELL

**(APPELL MIT-TRIBUNAL GHAT-TALBIET TAL-KONSUMATUR)**

**IMHALLEF**

**ONOR CARMEL A. AGIUS, B.A., LL.D.,**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 9 ta' Ottubru, 2001**

**Numru 1**

**Avviz Nru. 6/00 MF**

**Charles Condorato**

**vs**

**Aplan Limited**

**Il-Qorti,**

Dan hu appell minn decizjoni tat-Tribunal ghal Talbiet tal-Konsumaturi, moghtija fit-12 ta' Settembru, 2000, u li tinsab a fol. 14 tal-process, liema decizjoni taqra kif gej:-

> "It-Tribunal,
>
> Wara li ha konjizzjoni ta' l-Avviz fl-ismijiet fuq premessi pprezentat fis-16 ta' Marzu, 2000, fejn ir-rikorrenti talab danni ta' hames mitt

Lira Maltin (Lm500) rapprezentanti prezz ta' fridge mixtrija minghand l-intimat li wra li nxtrat ma bdietx tkessah bizzejjed.

L-intimat ipprezenta risposta ghal din it-talba.

Illi wara li sema' x-xhieda tar-rikorrenti li huwa l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda ta' l-intimat li huwa l-istess intimat, u wara li ha konjizzjoni tal-fatti kif ukoll tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

Ikkunsidra s-segwenti:

1. Ir-rikorrenti xtara fridge minghand id-ditta ntimata ghall-prezz ta' hames mitt Lira Maltin (Lm500) u wara ftit ma bdietx tkessah. Waqt li fix-xitwa kienet tkessah, fis-sajf kienet tbati.

2. L-intimat issottometta illi r-raguni li ma kienetx tkessah fis-sajf hi principalment ghax kien ikollha hafna shana fil-kcina. Dan seta' jigi konstatat peress li l-fridge nzammet fil-workship ta' l-intimat fis-sajf u t-temperatura ma nizlietx.

3. It-Tribunal jinnota illi din il-fridge hija tropicalised jigifieri tiflah ghal aktar shana waqt li l-fridge li r-rikorrenti kellu bhala temporary replacement kienet qed tkessah regolari.

Ghal dawn il-motivi:

It-Tribunal tilqa' t-talba tar-rikorrenti in parte u tordna lill-intimat ihallas l-ammont ta' erba' mitt Lira Maltin (Lm400) b'dan illi l-fridge tmur lura ghand l-intimat bl-ispejjez kontra l-istess intimat".

Minn dik id-decizjoni appellat is-socjeta' konvenuta permezz ta' rikors ta' l-appell ipprezentat fid-9 ta' Ottubru, 2000, li bih din il-Qorti ntalbet tannulla s-sentenza appellata filwaqt li tirrespingi t-talbiet attrici u tilqa' l-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta bl-ispejjez kontra l-attur.

Il-bazi ta' l-appell odjern hija doppja. Fl-ewwel lok l-appellant jissottometti li s-sentenza kif moghtija mit-Tribunal ma fihiex il-motivazzjonijiet kif rikjesti skond il-Kodici ta' Procedura u Organizzazzjoni Civili, u fit-tieni lok it-Tribunal mar kontra d-dettami tal-gustizzja naturali meta sostanzjalment warrab konkluzzjoni ta' espert tekniku, anke jekk kienet ex parte, minghajr ma ssostitwiha b'parir tekniku minn x'imkien iehor. B'dan kollu l-appellant jissottometti li gew vjolati d-dettami tal-gustizzja naturali.

Din il-Qorti l-ewwel nett, minhabba il-limitazzjoni tad-dritt ta' l-appell kif sancit mil-ligi hija materja ta' ordni pubbliku, hija fid-dover li tissenjala li ma taqbel xejn illi anke prima facie jirrizulta jew jidher illi hemm xi vjolazzjoni tad-dettami tal-gustizzja naturali.

Infatti kwantu jirrigwarda l-motivazzjoni, dina tinsab spjegata fit-tlett paragrafi enumerati 1, 2 u 3 fid-decizjoni appellata u tajjeb jew hazin jikkostitwixxu r-ragunijiet bazi tad-decizjoni tat-Tribunal. Imbaghad kwantu jirrigwarda l-allegazzjoni li t-Tribunal skarta l-opinjoni teknika tal-perit ex parte, minghajr ma ssostitwiha b'opinjoni ex parte ohra, fl-ewwel lok jinghad li t-Tribunal ma kienx obbligat li jissostitwixxi, jew li jikkomplimenta, ir-relazzjoni tal-perit ex parte, u fit-tieni lok jidher li t-Tribunal stess ghamel paragun bejn fridge u ohra u wasal ghall-konkluzzjoni ndikata fl-istess sentenza li m'huwiex kompitu ta' din il-Qorti, bhala Qorti ta' l-Appell u fil-

parametri tal-funzjoni taghha bhala tali, li tissindika ghaliex ma jirrizulta minn imkien li, b'xi mod, gew vjolati l-principji ta' gustizzja naturali.

Ghalhekk din il-Qorti qeghdha hija stess tiddikjara l-appell bhala irritu u null u konsegwentement ma tiehux konjizzjoni aktar tieghu, filwaqt li tordna li jigi kancellat minn fuq il-lista tas-smiegh.

L-ispejjez ta' din l-istanza jkunu a karigu ta' l-appellant.

Dep/Reg

mm